**LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR**

OTTUBRU 2020 – Ħarġa Nru: 184



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# PROGRAMM ĠDID

Wasalna f'Ottubru u jidher li kollox baqa' nċert! Waslu biex jiftħu l-iskejjel u ċ-ċentri tad-duttrina u l-ġenituri għadhom mhumiex ċerti x'se jagħmlu b'uliedhom! It-tiġijiet għadhom jiġu posposti… addio l-preparamenti li laħqu saru… is-safar għalissa jinsab fuq l-ixkaffa, kif ukoll tant attivitajiet oħra li soltu jibdew f'dażżminijiet! Kemm se ndumu hekk, ma nafux!

Tista' tgħid li l-pajjiżi kollha għadhom taħt l-effetti tal-pandemija, kważi sena wara li din feġġet fid-dinja.

Jekk hemm ħaġa li lilna ddejjaqna fil-ħajja, din żgur hi l-inċertezza. Dażżmien, kulħadd sar jippjana minn qabel l-attivitajiet tal-ġurnata, tax-xahar, tas-sena… Illum importanti nippjanaw għax inkella jaħbtulna ħafna appuntamenti flimkien u noħolqu ħafna diżgwid f'ħajjitna.




**Ħin importanti**

Min-naħa l-oħra, forsi lanqas qed nindunaw, li tant qed nimlew ħajjitna b'attivitajiet, li hemm ħaġa importanti li qed naslu biex nittraskurawha: ftit li xejn qed jibqalna ħin biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna ma' dawk ta' madwarna! Huwa importanti li barra l-appuntamenti u x-xogħol, insibu ħin fiss fil-ġurnata biex min jgħix fid-dar, nitkellmu bejnietna fuq kif sejrin fir-relazzjoni tagħna… biex dak li sejjer tajjeb insaħħuħ, iżda dak li sejjer ħażin intejbuh.

Importanti napprezzaw lil xulxin u, anke nikkoreġu lil xulxin b'mod fratern! Jekk dan ma jseħħx, nibdew ninxfu ftit ftit u mingħajr ma nindunaw, insiru stranġieri għal xulxin… u l-istranġieri ma jgħixux taħt l-istess saqaf!

Irridu fuq kollox, nagħtu każ tal-mistrieħ tagħna li hu *essenzjali*. B'ġisem għajjien u moħħ għajjien ftit li xejn jirnexxielna

nikkonċentraw. Nibdew nieħdu deċiżjonijiet mgħaġġlin u allura x'aktarx żbaljati. Ma' l-inqas kuntrarju nibdew infuru. Dan iwassalna biex nemmnu li l-kuntentizza f'ħajjitna hi utopija!

**Ħin għall-Mulej**

Ħajja bħal din twassal ukoll għal nuqqas ta' ħin għal Alla f'ħajjitna. Mhux talli ma nsibux ħin għat-talb matul il-ġurnata – ħin ta' ringrazzjament u tifħir, talli l-anqas għall-quddiesa tal-Ħadd. Il-ħin li noffrulu, anke b'sagrifiċċju fil-jum tal-Ħadd, żgur li jiswielna mitlqu deheb – is-smigħ tal-Kelma, it-tqarbin, il-qrar, il-komunità…

F'dan iż-żmien ta' inċertezza minħabba l-Covid-19, fejn qed ikollna nipposponu ħafna appuntamenti jew niċċaħħdu minn dak li konna imdorrijin bih, ejjew naqbdu ritmu ġdid. Ejjew infasslu ħajjitna mhux b'xogħol u attivitajiet biss, imma anke ħin għall-mistrieħ, għall-intimità bejnietna, aħna li ngħixu fl-istess dar. Ejjew fuq kollox, intejbu r-relazzjoni tagħna ma' Alla – l-għajn ta' kull serenità, speċjalment waqt il-maltemp li ngħaddu minnu.

F'dan ix-xahar ta' Ottubru, ejjew ngħidu flimkien it-talba tar-Rużarju fil-familja tagħna.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … OTTUBRU 2020

**Ħamis 1:** Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ġimgħa 2**: L-Anġli Kustodji Mqaddsa – Tifkira O
**Sibt 3:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudija
**Ħadd 4:** **Is-27 Ħadd tas-sena.** Fil-parroċċa niċċelebraw il-festa **tal-Madonna tar-Rużarju.** Fil-5.30pm quddiesa kantata bl-omelija.
**Erbgħa 7:** L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Tifkira O
**Ħamis 8:** L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral ta' Malta fl-1702 – Festa
**Ħadd 11:** **It-28 Ħadd tas-sena**
**Ħamis 15:** Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Sibt 17:** San Injazju ta' Antijokja, isqof u martri – Tifkira O
**Ħadd 18:** **Id-29 Ħadd tas-sena** – *il-Ġurnata Missjunarja*
**Ħadd 25:** **Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni u nċensazzjoni tal-altar maġġur u l-ħitan tas-santwarju. Fil-knejjes l-oħra ssir il-Liturġija tat-30 Ħadd tas-sena.
**Erbgħa 28:** San Xmun u San Ġuda, appostli – Festa

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Antonia Falzon (60), Emmanuele Pulis (77), Anna Cauchi (77), Lawrence Fenech (85), Grace Buhagiar (73), Carmelo Xerri (75), Nina Mai Vidal (tarbija), Carmela Buhagiar (65), Michelina Scicluna (72), Giuseppe Abela (98), Antonia Caruana (91), Carmen Borg (63), Mario Montesin (58).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*